# LEĦEN IS-SANTWARJU TA' ĦAŻ-ŻABBAR

ĠUNJU 2022 – Ħarġa Nru: 201




*Il-Kelma tal-Arċipriet...*

## NISIMGĦU

Kemm għandna bżonn nisimgħu aktar lil xulxin! Fid-dinja li qegħdin ngħixu, fejn kulħadd għaddej minn ħaġa għall-oħra, fejn kulħadd għandu l-ħin meħud, għandna bżonn insibu aktar ħin biex nisimgħu lil xulxin.

Kemm għandhom bżonn il-koppji jisimgħu aktar lil xulxin billi jiddjalogaw bejniethom; kemm għandhom bżonn il-ġenituri jisimgħu aktar lil uliedhom ħa jsaħħu r-relazzjoni bejniethom; kemm għandhom bżonn l-għalliema jisimgħu aktar lill-istudenti ħalli jfasslu tagħlim skont il-ħtiġiet tagħhom; kemm għandhom bżonn is-sidien u l-managers jisimgħu lill-impjegati ħalli jfasslu "policies" skond il-bżonnijiet tagħhom ukoll…

**Istituzzjoni li tisma'**

Il-Knisja wkoll, f'Ottubru li għadda, nediet kampanja biex tisma' lill-membri tagħha ħalli tagħraf aħjar il-ħtiġiet tagħhom fid-dinja tallum. Il-Knisja Kattolika nediet dak li jissejjah SINODU – mixja flimkien, sabiex tagħaraf aħjar ix-xewqat, il-bżonnijiet, il-karbiet u l-weġgħat ta' dawk li jiffurmaw parti mill-merħla kif ukoll dawk li mhumiex.




Il-Papa jixtieq li qabel is-Sinodu tal-Isqfijiet, f'Ottubru 2023, id-djoċesijiet kollha madwar id-dinja, inkluza dik Maltija, jisimgħu x'għandhom xi jgħidu l-imgħammdin dwar is-soċjetà, il-Knisja, il-familja u suġġetti oħra.

B'dan il-mod, il-Knisja tkun tista' tħoss aħjar il-polz tal-poplu u tifhem aktar ir-rejaltà li fiha qegħdin jgħixu uliedha. B'hekk, tkun tista' tfassal aħjar il-pjanijiet tagħha u tkun aktar viċin ta' dawk li tixtieq taqdi.

**Nagħtu sehemna**

Ejjew ilkoll inwasslu l-veduti tagħna biex ikollna Knisja aktar ħanina, aktar attenta għall-ħtiġijiet tal-bniedem tallum, aktar miftuħa għal dawk li qed ibatu, aktar qrib ta' dawk li jħossuhom imwarrbin u l-aħħar fis-socjetà.

Dan is-Sinodu qed iseħħ hekk kif id-dinja tinsab ħierġa' minn pandemija u issa tinsab fid-dell ta' gwerra fil-Lvant tal-Ewropa. Dawn żgur se jħallu influss fuq id-diskussjonijiet li se jsiru.

Is-sehem tagħna fis-Sinodu jgħin biex, il-Knisja tagħraf dejjem aktar dak li l-Ispirtu Qaddis irid minnha ħalli tkun tassew "il-melħ tal-art" u "d-dawl tad-dinja".

***Dun Evan***

## NILTAQGĦU NHAR … ĠUNJU 2022

**Erbgħa 1:** San Ġustinu, martri – Tifkira O

**Ġimgħa 3:** San Karlu Lwanga, martri – Tifkira O. L-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Wara l-quddiesa tas-6.30pm ħin ta' adorazzjoni u barka Sagramentali.

**Sibt 4:** Fl-10.00am Ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla bil-Magħmudijiet

**Ħadd 5:** **Solennità ta' Għid il-Ħamsin – Pentekoste.** Fl-10.15am Konċelebrazzjoni Solenni li għaliha huma mistiedna l-adolexxenti li f'Novembru se jirċevu s-Sagrament tal-Griżma. Mistiedna wkoll il-ġenituri u l-parrini tagħhom.

**Tnejn 6:** Marija Omm u Xbieha tal-Knisja – Tifkira O

**Tlieta 7:** Is-*Sette Giugno* – festa nazzjonali u pubblika. Il-quddies ikun bħal nhar ta' xogħol

**Sibt 11:** San Barnaba, appostlu – Tifkira O. Fil-5.00pm quddiesa. Fis-6.30pm quddiesa bl-Ewwel Tqarbina.

**Ħadd 12: Solennità tat-Trinità Qaddisa.** Fl-9.45am quddiesa bl-Ewwel Tqarbina. Fil-5.30pm quddiesa bl-Ewwel Tqarbina.

**Tnejn 13:** Sant'Antnin ta' Padova, presbiteru u duttur tal-Knisja – Tifkira O

**Ħadd 19:** **Solennità tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej** – *Corpus Domini*. Fil-5.30pm Konċelebrazzjoni u purċissjoni bis-SS.mu Sagrament li tintemm bil-Barka sagramentali.

**Tlieta 21:** San Alwiġi Gonzaga – Tifkira O

**Ħamis 23:** **Solennità tat-Twelid ta' San Ġwann Battista**

**Ġimgħa 24: Solennità tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù.** Fis-6.00pm Konċelebrazzjoni u purcissjoni bis-SS.mu Sagrament li tintemm bil-Barka sagramentali.

**Sibt 25:** Il-Qalb bla Tebgħa tal-Verġni Marija – Tifkira O

**Ħadd 26:** **It-13-il Ħadd tas-sena**

**Tlieta 28:** San Irinew, isqof u martri – Tifkira O

**Erbgħa 29:** **Solennità ta' San Pietru u San Pawl.** Xieraq li nqaddsu dan il-jum bis-smigħ tal-quddies li jkun bħal nhar ta' xogħol.

**L-Intenzjoni tal-Papa għal Marzu 2022**

***Il-Familji***



Nitolbu għall-familji nsara madwar id-dinja. Nittamaw li jkollhom esperjenza ta' mħabba inkondizzjonata u jimxu 'l quddiem fil-qdusija fil-ħajja tagħhom ta' kuljum.

### INGĦAQDU MAL-MULEJ GĦAL DEJJEM

Rita Oliva (92), Rosaria Cassar (86), Maria Barun (61), Emanuel Micallef (67), William Fardell (72), Salvu Buhagiar (87), Teresa Mizzi (75), Carmel Borg (79), Alberto Romeo Barun (88), Vincent Bonett (80), Maria Carmela Vella (69), Virginia Cremona (94), Paul Brincat (82), Rosaria Bongailas (88), Alfreda Micallef (84), Antonia Sultana (94), Michael Bonello (77), Maria Dolores Hili (79), Saviour Gauci (74), Felicia Grixti (90), Grace D'Amato (72), Rosaria Schembri (57), Maria Carmela Testa (78), Emanuel Scicluna (61), Andrew Collins (53), Pauline Schembri (81).

*Agħtihom, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.*